MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Numru 168/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Yvette Farrugia)**

**vs**

**MARCO ATTARD**

**Illum 29 ta' Marzu, 2004**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Marco Attard ta' 38 sena iben John u Salvina mitwielda Falzon, mwieled l-Pieta fl-10.7.1965 u joqghod Karusu, Triq Tal-Kleru, Fgura, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 340065(M) gie akkuzat:

Talli fil-11 ta’ Lulju 2003, ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta’ filghaxija gewwa Vjal il-Kottoner fil-Fgura, volontarjament ikkaguna offizi ta’ natura gravi per durata fuq il-persuna ta’ Jonathan Chircop skond kif iccertifikat t-tabiba Maria Brincat M.D. tal-isptar San Luqa.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. YF3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat ammetta l-akkuza.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li rega' gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 216(1)(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Marco Attard, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Marco Attard ghall-piena ta’ sitt (6) xhur prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ sentejn millum l-imputat Marco Attard jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti torbot lill-imputat Marco Attard

b'obbligazzjoni personali ta' mitt Liri Maltin (Lm100) li bl-ebda mod ma jimmolesta lil Jonathan Chircop ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Marco Attard l-ispjegazzjoni preskritta fl-art. 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------